MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2008

Numru 833/2006

**Il-Pulizija**
**Sp Angelo Gafa'**
**vs**
**Ronald Azzopardi**

**Il-Qorti,**

**Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Ronald Azzopardi ta' 44 sena iben John u Josephine nee' Micallef mwieled Rabat fit-13 ta' Novembru 1961 u residenti 15 Flat 6 Triq Guze Howard Sliema, ID 700661M.**

**Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fix-xahar ta' April 2006 b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda b'mezzi konra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz jew ta' hila, setgha fuq haddiehor jew**

**ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta' madwar LM31,533.76 ghad-dannu ta' Eurochange Financial Services Ltd (C23282);**

**Akkuzat ukoll talli sar ricediv a terminu ta' l-Artikolu 49 et seq tal-Kodici Kriminali b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati datata 24 ta' Novembru 2005, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.**

**Rat l-atti kollha tal-process inkluzi l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali.**

**Rat l-ammissjoni ta' l-imputat ghaz-zewg imputazzjonijiet dedotti kontrieh, liema ammissjoni huwa kkonferma wara li nghata hin xieraq biex jahsibha.**

**Jirrizulta mill-atti a fol 6 li l-avukat tal-parte civile kien rrinunzja ghal kwerela li waqt a fol 86 jirrizulta li sar il-hlas ta' kollox skond ix-xhieda ta' Mark Gatt.**

**Il-Qorti wara li rat l-Artikoli 49 u 50, 18, 308, 310, 309 ssib lill-imputat hati taz-zewg imputazzjonijiet dedotti kontrieh izda stante li l-imputat hallas kollox, illi saret ir-rinzunja ghall-kwerela u li fl-ahhar l-imputat ghamel ammissjoni, flok tikkundannah qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmel ebda reat iehor fi zmien tliet (3) snin millum. Il-Qorti spjegat l-Artikolu 22 tal-Kap 446 lill-imputat fi kliem semplici.**

**Tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbghat minnufih lill-Avukat Generali.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------